# KAPITOLU 377

## ATT DWAR SEGRETEZZA PROFESSJONALI

*Biex jagħmel disposizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tas-segretezza professjonali u sabiex jagħmel emendi konsegwenzjali f'liġijiet oħra.*

23 ta' Settembru, 1994

*L-ATT XXIV ta' l-1994, kif emendat bl-Atti XVII ta' l-1998, XVII ta' l-2002 u X ta' l-2004.*

TAQSIM TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| TAQSIMA I. | Preliminari | 1-2 |
| TAQSIMA II. | Id-Dmir ta' Segretezza Professjonali | 3-5 |
| TAQSIMA III. | Eċċezzjonijiet | 6-11 |
| TAQSIMA IV. | Disposizzjonijiet Supplementari | 12-14 |

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar Segretezza Professjonali.

Tifsir.

**2.** (1) Kull referenza f'dan l-Att għall-kxif ta' tagħrif għandha tinkludi referenzi għall-komunikazzjoni ta' dak it-tagħrif bil-miktub, bit-trasmissjoni ta' dokumenti jew tagħrif elettroniku, b'sinjali, b'negazzjoni jew b'kull mod ieħor .

(2) Referenzi f'dan l-Att għal uffiċjali jew impjegati ta' l-Istat jew għal persuni mpjegati mill-Istat jinkludu referenzi għal:

(*a*) impjegati tal-Gvern ta' Malta;

(*b*) impjegati ta' korp kostitwit imwaqqaf b'liġi;

(*ċ*) kull persuna, kemm jekk individwu, u kemm jekk le u sew jekk tkun korp magħqud jew le, li tagħmilha ta' konsulenti jew tkun f'kapaċità kontrattwali oħra simili bħal dik mal-Gvern ta' Malta jew ma' korp kostitwit imwaqqaf b'liġi; jew

(*d*) kull persuna, kemm jekk tkun individwu kemm jekk le sew jekk tkun korp magħqud jew le, li twettaq funzjonijiet ta' uffiċjal jew rappreżentant tal-Gvern ta' Malta jew ta' korp kostitwit imwaqqaf b'liġi.

(3) "Sigriet professjonali" jew "sigriet" f'dan l-Att jirreferi għal tagħrif li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(*a*) tagħrif li għandu jiġi meqjus sigriet taħt xi disposizzjoni speċifika ta' xi liġi;

(*b*) tagħrif li jkun deskritt bħala sigriet mill-persuna li tkun qed tgħaddi dak it-tagħrif lil persuna li tidħol fl-ambitu ta' l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali; jew

Kap. 9.

(*ċ*) tagħrif li għandu raġonevolment jiġi meqjus bħala sigriet minħabba -

(i) iċ-ċirkostanzi li fihom dak it-tagħrif ikun mgħoddi jew ġie irċevut; u

(ii) in-natura ta' dak it-tagħrif; u

(iii) l-istat, il-professjoni jew kariga tal-persuna li tirċievi t-tagħrif, u tal-persuna li tagħti t-tagħrif, fejn hu l-każ.

## TAQSIMA II

## ID-DMIR TA’ SEGRETEZZA PROFESSJONALI

Tifsir ta’ l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali. *Emendat: XVII.1998.70; X. 2004.20.* Kap. 9. Kap. 31.

**3.** (1) Dawk il-persuni li, minħabba fl-istat, professjoni jew kariga tagħhom, jidħlu fl-ambitu ta’ l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali, jinkludu dawn li ġejjin: membri ta’ professjoni regolata mill-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, avukati, nutara, prokuraturi legali, ħaddiema soċjali, psikologi, *accountants*, udituri, impjegati u uffiċjali ta’ istituzzjonijiet finanzjarji u ta’ kreditu, *trustees*, uffiċjali ta’ kumpanija *nominee*, jew ta’ *nominee* liċenzjata, persuni li jkollhom liċenza biex jipprovdu servizzi ta’ investiment taħt l-Att dwar Servizzi ta’ Investimenti, *stockbrokers* li jkollhom liċenza taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, assiguraturi, aġenti ta’ l-assigurazzjoni, *managers* ta’ l-assigurazzjoni, *brokers* fl-assigurazzjoni u sotto-aġenti fl-assigurazzjoni, uffiċjali u impjegati ta’ l-Istat. Kap. 370. Kap. 345.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 10, persuna tibqa’ suġġetta għad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali anke wara li hi tkun waqfet teżerċita dak l-istat jew dik il-professjoni relevanti jew milli tibqa’ f’dik il-kariga relevanti. Kap. 9.

(3) Kull referenza f’liġijiet oħra għal "id-dmir ta’ segretezza professjonali", jew espressjonijiet simili, għandhom minn issa ’l quddiem jiġu interpretati, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, bħala referenza għad-dmir impost bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali biex ma jikxifx sigriet li jkun jaqa’ taħt dak l-artikolu. Kap. 9.

Depożitarju ta’ siġriet.

**4.** (1) Persuna jitqies ukoll li jkun sar depożitarju ta’ sigriet minħabba fl-istat, professjoni jew kariga tiegħu meta huwa jikseb dak is-sigriet billi jkun impjegat jew prinċipal, soċju jew assistent ta’ persuna li jidħol fl-ambitu ta’ l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali jew billi jkun għamilha ta’ interpretu jew traduttur fil-komunikazzjoni ta’ dak is-sigriet. Kap. 9.

(2) Persuna wkoll jitqies li jkun sar depożitarju ta’ sigriet minħabba fl-istat, professjoni jew kariga tiegħu, meta jikseb dak is-sigriet waqt li jkun impjegat mill-Istat.

(3) Meta persuna jafda tagħrif sigriet lill-impjegat jew prinċipal ta’ persuna li tidħol fl-ambitu ta’ l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali minħabba fir-relazzjoni ta’ dak l-impjegat mal-prinċipal tiegħu, dak it-tagħrif sigriet għandu jitqies li jkun ġie afdat lill-prinċipal permezz ta’ l-impjegat tiegħu jew lill-impjegat permezz tal-prinċipal tiegħu, skond il-każ, bħala mandatarju. Kap. 9.

Investigaturi.

**5.** Kull min jirċievi jew jikseb tagħrif sigriet bis-saħħa ta’ setgħa ta’ investigazzjoni jew inkjesta li jkollu u li tkun ingħatatlu b’liġi jew bis-saħħa ta’ xi leġislazzjoni li tkun teħtieġ il-komunika ta’ informazzjoni għandu jitqies li jkun sar id-depożitarju ta’ dak it-tagħrif bis-saħħa ta’ l-istat, professjoni jew kariga tiegħu.

TAQSIMA III

EĊĊEZZJONIJIET

Awtorizzazzjoni li wieħed jikxef.
Kap. 9.

**6.** (1) Tkun difiża għal akkuża ta' kxif ta' tagħrif sigriet kontra l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali jekk jiġi ppruvat li t-tagħrif sigriet ikun inkixef mill-persuna akkużata, biss meta din ġiet awtorizzata tagħmel dan mill-persuna li tkun fdatilha dak it-tagħrif.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), min ikun irċieva tagħrif sigriet mingħand persuna oħra ma jkunx jista' jagħti awtorizzazzjoni valida għall-kxif ta' dak it-tagħrif minn terzi.

Kxif permess.
*Miżjud: XVII. 2002.224.*

**6A.** Ebda reat ma jkun sar kontra l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali jew dan l-Att minn -

(*a*) persuna li tikxef in *bona fide* informazzjoni sigrieta waqt jew sabiex tikseb parir jew direzzjonijiet mill-korp li jirregola l-professjoni tagħha;

(*b*) persuna li tikxef in *bona fide* informazzjoni sigrieta lil awtorità pubblika jew quddiem qorti jew tribunal sal-limitu li tkun proporzjonata u raġonevolment meħtieġa għall-għan speċifiku li -

(i) tiddefendi lilha nnifisha kontra xi talba dwar xogħol professjonali li b'konnessjoni miegħu tkun kisbet l-informazzjoni sigrieta; jew

(ii) tibda jew tkompli proċedimenti ġuddizzjarji bil-ħsieb li jinġabru drittijiet jew somom oħra dovuti lilha jew biex tinforza talbiet jew interessi leġittimi oħra;

Kap. 9
Kap. 12.

(*ċ*) bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali jew l-artikolu 588(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili , persuna, li in *bona fide* tikxef xi nformazzjoni sigrieta lil awtorità kompetenti f'Malta bit-twemmin raġonevoli li dak il-kxif ikun raġonevolment meħtieġ sabiex ikun hemm prevenzjoni, kxif, identifikazzjoni jew prosekuzzjoni ta' egħmil ta' atti li jammonta jew li x'aktarx jammonta għal reat kriminali, jew biex jiġi evitat li jsir żball tal-ġustizzja.

Obbligu ta' kxif.
*Miżjud: XVII. 2002.224.*
Kap. 9.
Kap. 12.

**6B.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-artikolu 588(1) tal-Kodiċi ta' Orgaizzazzjoni u Proċedura Ċivili persuna għandha tikxef informazzjoni li xort'oħra tkun koperta bis-segretezza professjonali meta tkun meħtieġa li tagħmel hekk:

(*a*) minn awtorità kompetenti biex tinforza l-liġi jew regolatorja li tkun qed tinvestiga reat kriminali jew ksur ta' dmir;

(*b*) minn maġistrat fil-kawża għall-finijiet ta' proċedimenti *in genere*; u

(*ċ*) minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fil-kors ta'

prosekuzzjoni għal reat kriminali.

Komunikazzjoni meħtieġa lil impjegati, eċċ.

**7.** (1) Kemm-il darba min ikun fada t-tagħrif sigriet ma jgħidx li għandu jsir mod ieħor, huwa għandu jitqies li jkun awtorizza l-komunikazzjoni tat-tagħrif sigriet lill-impjegati, soċji u assistenti tal-persuna li lilha jkun ġie afdat it-tagħrif, jew lil xi persuna oħra li tidħol fl-ambitu ta' l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali, meta din il-komunikazzjoni tkun meħtieġa għat-twettiq ta' servizzi mitluba minn min ikun fada t-tagħrif. Kap. 9.

(2) Żewġ persuni jew aktar li jidħlu fl-ambitu ta' l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali, u li jeżerċitaw is-setgħa ta' tmexxija u kontroll effettiv ta' kumpannija mwaqqfa bil-għan ta' l-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom, għandhom għall-finijiet ta' dan l-artikolu jitqiesu bħala soċji. Kap. 9.

Kxif imġiegħel bil-liġi. *Emendat: XVII. 2002.225.* Kap. 9.

**8.** Għall-finijiet ta' l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali, persuna m'għandhiex titqies li tkun imġiegħla bil-liġi li tagħti tagħrif lill-awtorità pubblika kemm-il darba ma jkunx hemm ħtieġa statutorja li tkun tgħid dan.

Ordnijiet tal-qorti biex isir kxif. *Emendat: XVII. 2002.226.* Kap. 9. Kap. 12.

**9.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-artikolu 588(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Qorti tista' tawtorizza jew toħroġ ordni għal kxif ta' tagħrif sigriet skond id-disposizzjonijiet espressi ta' liġi, u biss għal finijiet speċifiċi li għalihom dik id-disposizzjoni tkun saret b'liġi, jew għall-iskop speċifiku ta' prevenzjoni, kxif jew ditezzjoni ta' l-egħmil ta' atti li jammontaw jew li x'aktarx jammontaw għal reat kriminali:

Iżda fejn ma hemmx disposizzjoni espressa għar-rigward ta' professjoni, stat jew kariga partikolari, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tiftiehem li qed tbiddel ir-regoli eżistenti tal-liġi għar-rigward tas-setgħa tal-qorti li teħles xhud quddiem qorti li jkun membru ta' dik il-professjoni, dak l-istat jew dik il-kariga mid-dmir tas-segretezza professjonali:

Iżda wkoll fejn il-qorti tawtorizza jew tordna dak il-kxif, dik ix-xiehda għandha tinstema' *in camera* u tkun biss aċċessibbli għall-qorti u għall-partijiet:

Iżda wkoll li xejn f'dan l-Att m'għandu jiftiehem li jolqot id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għar-rigward ta' mandati ta' sekwestru. Kap. 12.

Tagħrif li jsir pubbliku. Kap. 9.

**10.** Tkun difiża għal akkuża ta' kxif ta' tagħrif sigriet kontra l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali jekk jiġi pruvat li, fil-ħin li nkixef it-tagħrif, it-tagħrif kien sar ta' dominju pubbliku b'mod leġittimu.

Komunikazzjonijiet fi ħdan il-Gvern. Kap. 9.

**11.** (1) Ma jkunx hemm ksur ta' l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali meta persuna impjegata mill-Istat tikkomunika tagħrif sigriet lil persuna oħra impjegata mill-istess enti jew lil Ministru li jkun responsabbli għal dik l-enti, meta dik il-komunikazzjoni tkun meħtieġa b'mod dirett għat-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dawn li ġejjin huma entijiet

separati:

(*a*) kull korp kostitwit imwaqqaf b'liġi;

(*b*) id-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

(*ċ*) kull dipartiment jew diviżjoni ta' l-Istat , b'esklużjoni ta' l-entijiet imsemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*).

TAQSIMA IV

DISPOSIZZJONIJIET SUPPLEMENTARI

Riżervi għal komunikazzjonijiet privileġġati.

**12.** Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha tirristrinġi jew tillimita, jew titqies li tirristrinġi jew tillimita, il-liġijiet jew konswetudni dwar il-protezzjoni ta' komunikazzjonijiet privileġġati.

Referenzi f'liġijiet oħra.

**13.** Kull referenza f'xi liġi, sew jekk mgħoddija qabel jew wara d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għal obbligazzjoni li tinżamm is-segretezza jew il-kunfidenzjalità, għandha tiġi nterpretata bħala li tkun qiegħda timponi dmir li għall-inqas ikollu saħħa daqskemm għandu dmir ta' segretezza professjonali, bla ħsara għal kull ħtieġa oħra ta' dik il-liġi.

Proċedimenti kriminali.
Kap. 9.

**14.** (1) Ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti għal reat taħt l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-Avukat Ġenerali.

(2) Meta r-reat imwettaq minn persuna jkun jikkostitwixxi reat iktar gravi taħt xi liġi oħra, id-disposizzjonijiet ta' dik il-liġi l-oħra għandhom ikunu jgħoddu għar-rigward ta' dak ir-reat.